# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 122, miżmuma nhar it-13 ta' Marzu 2002, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | President |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | Membru |

Membri Online:

| | | |
|---|---|---|
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| • Romilda Zarb Baldachino | Mosta LC | Membru |
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Viċi President |
| • Dean Hili | Pembroke LC | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | Membru |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kristina Camilleri, kienet ukoll preżenti



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

AĠENDA

122.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
122.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
122.3 Komunikazzjoni tal-President;
122.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
122.5 Kumunikazjoni
  122.5.1 Toad Legal Letter
122.6 Rapporti;
122.7 Affarijiet oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
  122.7.1 Region Book
  122.7.2 Website and APP
  122.7.3 Corona Virus
    122.7.3.1 Tribunal and office
    122.7.3.2 Cultural activities and courses (FS)
  122.7.4 Festivals
    122.7.4.1 Festival Baned u Nar
    122.7.4.2 Youth and Street Idols Festival
    122.7.4.3 MTA Tess Sponsorship Scheme
  122.7.5 Y-Engage
    122.7.5.1 Childcare course
    122.7.5.2 Kayaks
  122.7.6 Sigar privati mahrugin fuq propjeta publika.
  122.7.7 Contract management
122.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;
122.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mil-President Anton Mifsud. Bdiet fis-18:00hrs

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## 122.1 - Qari t’ Apoloġiji

Is-Sinjuri Peter Sant Manduca u Raymond Schembri kienu skużati minħabba li ma setgħux jagħmlu Skype account.

## 122.2 - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 121 kienu ppreżentati waqt il-laqgħa u l-membri ngħataw iċ-ċans jaqraw il-minuti. Il-minuti ttieħdu bħala moqrija. Romilda Zarb Baldachino ppropuniet li jkunu approvati, Matthew Chetcuti ssekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 122.3 - Komunikazzjoni mil-President

## 122.4 - Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Romilda Zarb Baldachino staqsiet jekk hemmx liġi dwar l-ipparkjar bl-exhaust pipe jħares lejn il-bini. Għandha ssir verifika ma' Transport Malta. Paul Vella ppropona li jekk m'hemmx liġi ssir By Law u Romilda Zarb Baldachino ssekondat.

Romilda Zarb Baldachino staqsiet fiex waslet id-deċiżjoni dwar il-By Law tal-ħamiem. Il-President wieġeb li l-AKL qed jaħdmu fuq Liġi.

## 122.5 – Kumunikazzjoni

### Extention of Maghtab Landfill issue

Is-Segretarju Eżekuttiv kiteb ittra dwar il-proposta tal-proġett tal-Wasteserv fejn talab li r-Reġjun għandu jiġi nvolut fid-diskussjonijiet.

### Achievers Scheme

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-On. Rosanne Cutajar ma lgħaqatx it-talba tal-Expeditions to Sicily u għalhekk talab spjegazzjoni.

### 122.5.1 – Toad Legal Letter

Kien hemm diskussjoni dwar is-suġġett. Dean Hili ppropona li jintalab parir legali mill-Avv Ian Vella Galea. Il-President issekonda u kien hemm qbil unanimu.

## 122.6 – Rapporti

Fir-rigward tas-Social Impact Assessment dawn ġew ikkanċellati minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid 19.

## 122.7 – Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 122.7.1 Region Book

Intalab biex il-ktieb tar-Reġjun jintbgħat lil Natalino Fenech

### 122.7.2 Website and APP



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Romilda Baldacchino Zarb talbet sabiex l-App tkun disponibbli wkoll bil-Malti . Il-membri qablu li din għandha tkun bil-Malti ukoll. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jara li din issir bil-Malti ukoll.

**122.7.3 Corona Virus**

**122.7.3.1 Tribunal and office**

**122.7.3.2 Cultural activities and courses (FS)**

**122.7.4 Festivals**

**122.7.4.1 Festival Baned u Nar**

**122.7.4.2 Youth and Street Idols Festival**

**122.7.4.3 MTA Tess Sponsorship Scheme**

**122.7.5 Y-Engage**

**122.7.5.1 Childcare course**

**122.7.5.2 Kayaks**

Il-punti minn 122.7.3.2 sa 122.7.5.2 ġew posposti minħabba l-COVID 19.

**122.7.6 Siġar privati maħruġin fuq propjeta pubblika.**

Il-parir tal-avukat kien li tintuża l-Liġi eżistenti. Il-proċedura għandha tkun illi l-Kunsill Lokali jikteb lill-persuna sid is-siġra u din tiġi mitluba tieħu azzjoni. Jekk is-siġra inkwestjoni ma tiġix miżbura, il-Kunsill imexxi biex jagħmel ix-xogħol hu u jitlob kumpens lil sid is-siġra.

**122.7.7 – Contract Management u Risk Assesment**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-membri preżenti li d-Dipartiment approva li r-Reġjun jistja joħroġ it-tenders tal-Contract Management kif ukoll Risk Assesmnet għan-nom tal-Kunsilli Lokali; u għalhekk talabhom min jixtieq is-servizz u l-ħtiġijiet li għandhom bżonn.

**122.7.8 – CCTV Cameras**

Il-President Anton Mifsud tkellem dwar is-CCTV. Kien hemm diskussjoni qalb il-membri u ġie deċiż li s–Segretarju Eżekuttiv ser jitlob kwotazzjoni rigward is-servizz.

**122.8 – Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-iskeda tal-pagamenti numru 121. Christianne Mifsud ipproponiet li jitħallsu l-pagamenti. Paul Vella ssekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-iskeda tal-pagamenti numru 122. John Buttigieg ippropona li jitħallsu l-pagamenti. Mary Anne Abela issekondat l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## 122.9 - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-disgħa u nofs ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun fit-28 t’April 2020 fis-sitta u nofs ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |
| Approvati llum 28 ta’April 2020 | |